**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Rabat,  Città Victoria**

**ID-DISA' LEĠIŻLATURA**

**Laqgħa Numru KLR 17/IX/2026**

**L-Erbgħa, 7 ta' Jannar, 2026 fid-09:00**

**Fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali**

**Preżenti:**
Is-Sur Brian Azzopardi – Sindku
Is-Sur George Cassar – Viċi Sindku
Is-Sinjura Mariella Abela – Kunsillier
Is-Sur Josef Schembri – Kunsillier
Is-Sur Joseph Debrincat – Kunsillier
Is-Sur Michel Buttigieg – Kunsillier

**Skużat:**
Is-Sur Marcell Tabone – Kunsillier

**Uffiċjal Preżenti:**
Is-Sinjura Miriam Attard – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Brian Azzopardi ppresjeda l-laqgħa.

**17.1 Talba**

Il-laqgħa bdiet fid-09:00. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

**17.2 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

17.2.1 Inqrat l-ittra t'apoloġija tal-membru Tabone.

**17.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

17.3.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 16 ġew iċċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

17.3.1 Ma kienx hemm korrezzjonijiet.

17.3.3 Il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni rigward is-*"single yellow lines"* li nżebgħu fi Triq l-Universitas biswit il-garaxxijiet. Hemm lok fejn jekk dawn jitqassru bi ftit ikun hemm wisa' għall-parkeġġ. Il-Kunsill għandu jerġa jiġbed l-attenzjoni ta' Transport Malta rigward dan.

17.3. Il-minuti ġew approvati.

**17.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

.

17.4.1 Is-Sindku qal li l-kuntratt tal-knis ilu fuq xahar li beda. Kien hemm istanzi fejn kellna diversi lmenti fir-rigward tat-tbattil tal-*litter bins*. Il-membri qablu li tinżamm mitt ewro multa fir-rigward tal-fatt li żewġ *litter bins*, wieħed fi Pjazza Indipendenza u l-ieħor biswit il-parkeġġ il-kbir, ma tbattlux fil-ħin fil-5 ta' Jannar 2026.

17.4.2 Is-Sindku qal li l-attivitajiet organizzati mill-Kunsill għall-festi tal-Milied kienu suċċess. Tenna li jkun dejjem xieraq li l-membri kollha tal-Kunsill jattendu għal dawn l-attivitajiet. Waqt il-kunċert *'String for Christmas'* li sar l-għada tal-Milied fil-knisja konventwali ta' San Franġisk, inġabret is-somma ta' €381.40, li dawn ingħataw lill-*Malta Community Chest Fund.*

**17.5 Korrispondenza, ilmenti u suġġerimenti**

Tressqet korrispondenza mingħand:-

17.5.1 id-Development Planning Fund (DPF) fi ħdan l-Awtorita' tal-Ippjanar fejn intbgħat pagament ta' €102,797.44 li jkopri parti mill-proġett tat-tibdil tal-fanali fiċ-ċentru tar-Rabat. Għandu jiġi verifikat għalfejn ma sarx il-pagament kollu;

17.5.2 l-uffiċju tas-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għall-Intern, Sigurta' u Impjieg, fejn ġiet reġistrata l-applikazzjoni tal-Kunsill fil-'Proġetti fil-Komunitajiet – Programm 2024-2026', it-tieni sejħa;

17.5.3 id-Direttorat għal Gvern Lokali rigward SPI/SCI/05/2025 - Finanzjament Karnival 2026.
Il-proposta tal-Kunsill ġiet aċċettata. L-attivita' ser issir fl-14 ta' Frar 2026, wara nofsinhar fl-*area* tal-kappella tar-Ragħaj it-Tajjeb, f'taċ-Ċawla;

Reġjun Għawdex rigward:-

17.5.4 il-Proġett tal-Erasmus+ European Youth Orchestra 2026. Mir-Rabat ser ikollna żewġ mużiċisti żgħażagħ li ser jipparteċipaw u allura ser idoqqu f'din l-orkestra ġewwa Bordeaux fi Franza f'Mejju li ġej;

17.5.5 kollaborazzjoni mal-Gozo Association for the Deaf, fejn ser jiġu organizzati sessjonijiet ta' informazzjoni. Il-Kunsill ser juri nteress li f'din l-inizjattiva;

17.5.6 it-tieni parti tal-Proġett Għawdex Tikka Tikka, kull tikka storja, kull storja aħna! - li ser issir fis-27 ta'Jannar, 2026 fejn klassi tal-Form 2 tas-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesu' tittieħed iżżur il-bini amministrattiv tal-Kunsill u ż-żewġ teatri tal-Opra fil-qalba tar-Rabat;

17.5.7 proġetti rigward il-European Region of Gastronomy 2026;

17.5.8 inizjattiva ta' *mini sweepers*;

17.5.9 kollaborazzjoni mall-Community and Outreach Youth Work Services fil-Youth Street Art Project fil-vaganzi tal-Għid.

Tressqet korrispondenza mingħand:-

17.5.10 il-kumpanija tal-assikurazzjoni tal-Kunsill fejn il-membri ġew mgħarrfa li l-użu ta' *bouncing castles* ma jkunx assikurat. Il-membri qablu li allura ma titħallasx din il-polza partikulari;

17.5.11 il-Malta Crafts Foundation rigward il-'Premju Ġieħ l-Artiġjanat Malti 2025';

17.5.12 l-Uffiċjal Maniġerjali fuq l-Iskart fi ħdan Reġjun Għawdex fejn bagħat l-istatistika maħruġa mill-ERA rigward l-ispezzjonijiet li saru rigward rimi illegali ta'skart bejn Jannar u Settembru 2025. F'dan il-perjodu fir-Rabat saru biss 34 spezzjoni u ma ngħatat ebda' multa. Bejn Jannar u Diċembru tal-2024 saru 41 spezzjoni u ngħataw 7 multi;

17.5.13 l-ERA għarrfet lill-Kunsill li rċeviet rapport rigward ir-rimi illegali ta' skart fi Triq Gużeppi Spiteri. L-ERA għamlet spezzjoni u rrakkomandat lill-Kunsill u lid-Dipartiment tat-Tindif fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar, sabiex inaddfu dan ir-rimi. Ta' min jinnota li kemm il-Kunsill u kemm id-Dipartiment jafu b'din il-problema u ilhom xhur inaddfu l-iskart li jintrema f'din it-triq;

17.5.14 resident sabiex jitneħħa arblu tad-dawl fi Triq Ninu Cremona li jinsab quddiem blokka flats ġdida. Is-sid applika mal-ARMS biex isir service culvert taħt l-art. Il-membri qablu li dment li l-bozza teħel mal-ħajt m'għandux ikun hemm oġġezzjoni li jitneħħa l-arblu

17.5.15 resident minn Triq Għajn Qatet li staqsa għalfejn tneħħiet it-tisqifa ta' biswit il-kamra mortwarja tal-isptar. Tenna li taħtha kienu jipparkjaw bosta muturi. Din l-*area* ġiet *refurbished* mill-Ministeru tas-Saħħa u l-Anzjanita' Attiva. Qal ukoll li hemm sinjal isfar fi Triq Għajn Qatet li hu bla bżonn. Rigward is-sinjal, il-Kunsill ser jikkonsulta ma TM;

17.5.16 residenta fi Triq ġdida fi Triq l-Ewropa. Din ma fijiex asfalt u lanqas isem. Il-Perit tal-Kunsill ivverifika mal-Awtorità' tal-Artijiet u jidher li m'hemm ebda' reġistrazzjoni ta' art u tenna li jekk tkun tal-Gvern, it-triq tkun reġistrata. Il-membri qablu li l-Perit japplika mal-Awtorita' sabiex jara jekk il-Gvern għandux titlu fuqha;

17.5.17 ir-Rettur tal-Knisja ta' Savina fejn għarraf lill-Kunsill bil-proċess tar-restawr tal-Knisja u x'qed jintalab biex jiġi osservat mis-Sovrantendenza għall-Wirt Kulturali. Ser jitranġa t-taraġ ta' quddiem il-knisja, titneħħa struttura tal-ġebel li hemm fil-kantuniera fi Triq Santa Marija u titwaqqa' kamra żgħria li hi bla użu fil-ġenb tal-knisja. Il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni għal dan ix-xogħol dment li jkun hemm il-permessi neċessarji kollha u jixtieq li jara l-pjanti proposti u kif ser tiġi l-bankina wara li jinkixfu t-turġien ta' quddiem il-Knisja;

17.5.18 il-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Abbażi tal-Ġeneru u l-Vjolenza Domestika rigward kompetizzjoni ta' kreattivita' għat-tfal, 'Għandna Ħolma: Futur Mingħajr Vjolenza';

17.5.19 il-Victim Support Agency fejn talbu laqgħa biex jiġu spjegati s-servizzi ta din l-aġenzija. Il-membri ma sabux oġġezzjoni;

17.5.20 *Refablightblue Partnership* li jieħdu ħsieb il-kontenituri l-blu li fihom jinġabru ħwejjeġ użati li jinsabu fejn il-bring-in site. Qed jiġi propost li jiżdied bin blu ieħor. Il-membri ma qablux, u pjuttost jaqblu li dawn jitneħħew għal kollox;

17.5.21 l-ICT Executive mill-Information Management Unit fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar. Il-Kunsill ġie mgħarraf li s-servizz tal-Enemalta fejn il-pubbliku jkun mgħarraf minn qabel bl-interruzzjoni tal-provvista tad-dawl, ġie amalgamat mal-websajt tal-Kunsill.

17.5.22 Il-Viċi Sindku ppropona li l-isqaq fi Triq Mons. Ġużeppi Farrugia jissemma għall-Professur Joseph Vella. Il-Familja tiegħu taqbel ma' din il-proposta u għaldaqstant il-membri tal-Kunsill qablu li timtela l-formola tal-Kumitat għal Ismijiet tat-Toroq għal Għawdex sabiex jingħata dan l-isem.

Il-membru Buttigieg ħareġ mill-kamra.

**17.6 Immaniġġjar tat-Traffiku**

Transport Malta (TM) approvat:-

17.6.1 *junction box* fi Triq ir-Repubblika kantuniera ma Triq Ninu Cremona;

17.6.2 parkeġġ permanenti riservat għall-persuni b'diżabilità quddiem Blokk D f'taċ-Ċawla Housing Estate;

17.6.3 l-estensjoni ta' *double yellow line* fi Triq il-Kastell.

17.6.4 Rigward it-tmexxija tal-parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilità minn biswit il-Banca Giuratale għall-ewwel parkeġġ faċċata tar-*Roma Shopping Complex* fi Pjazza Indipendenza, TM qalet li qed tikkunsidra l-proposta.

Il-membri qablu li:-

17.6.5 l-Kunsill jerġa jiġbed l-attenzjoni ta' TM sabiex isiru l-marki tal-parkeġġi fi Triq Pietru Pace u Triq Pompei;

17.6.6 terġa tinġibed l-attenzjoni ta' TM sabiex il-*buses* tal-*hop-on hop-off* ma jgħaddux minn Triq ir-Repubblika u ma jkollhomx waqfa quddiem l-Aurora. Dawn qed joħolqu konġestjoni kbira f'din it-triq prinċipali u għal tul ta' ħin. Il-waqfa fil-viċinanzi tista' ssir fil-bus terminus stess, kemm tikser il-kantuniera.

17.6.7 għandu jerġa jiġi suġġerit ukoll li minn salib it-toroq 'il fuq, ma jgħaddux vetturi tqal fosthom *coaches* tat-turisti u *hop-on hop-offs*, bl-eċċezzjoni għall-karozzi tal-linja. Dan bħal ma kien jgħaddi t-traffiku meta kienet qed titranġa l-pompa tal-petrol ta' Triq Sant' Ursola.

17.6.8 Rigward dawn is-suġġerimenti, l-membri qablu li jekk hemm il-bżonn, tissejjaħ laqgħa ma' rappreżentanti ta' TM biex jiġu diskussi dawn il-proposti.

17.6.9 Tressqet korrispondenza ta' residenta fi Triq Ġużeppi Spiteri fejn proponiet li jsir parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilità li jkun komuni għal min għandu l-blue sticker. Dan is-suġġeriment ser jintbagħat lill-TM.

**17.7 Belt Kapitali Ewropea għall-Kultura 2031**

17.7.1 Is-Sindku qal li bħalissa qed isiru l-laqgħat ta' konsultazzjoni mill-Artistic Team bit-tħejjija għat-tieni fażi tal-Bid Book li jrid jiġi sottomess sa l-aħħar ta' Settembru 2026.

17.7.2 Tenna li kien ta' sodisfazzjni kbira meta fid-diskors tiegħu wara l-baġit, il-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar qal li l-bini tal-Qorti t'Għawdex se jkun pjanat li minnu jitmexxa x-xogħol tal-Belt Kapitali Ewropea għall-Kultura 2031.

17.7.3 Tressqet korrispondenza mingħand Reġjun Għawdex fejn il-President u l-Kunsill Reġjonali ta'Għawdex irringrazzjaw lis-Sindku tal-ittra ta' apprezzament għall-kontribut u l-kollaborazzjoni tar-Reġjun ta' Għawdex b'suċċess għall-ewwel fażi tal-bid tal-Belt Victoria bħala Belt Kapitali Ewropea tal-Kultura 2031.

***17.8 Playing Field***

17.8.1 Is-Sindku qal li ġiet iffirmata l-Letter of Intent mas-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar fejn il-Kunsill jaqbel li l-proġett tal-*playing field* isir b'fondi Ewropej li huma allokati għall-Ministeru. L-offerti ser jinħarġu minn naħa tal-Ministeru u dan skont il-proposti u l-pjanti sottomessi mill-Kunsill Lokali. Bħalissa qed jiġu finalizzati l-istejjem kollha sabiex dawn jiġu preżentati lill-Ministeru. Qed issir laqgħa kull xahar mas-Segretarju Permanenti sabiex jitmexxa l-proġett.

## 17.9 Ġemellaġġ – Jerez de la Frontera

17.9.1 Is-Sindku qal li l-iffirmar tal-ġemellaġġ fi Spanja ser isir bejn id-19 u t-22 ta' Frar, 2026 bħala parti mit-Town Twinning Project *'CulturePIE – Promoting Inclusion & Equality through Culture'* iffinanzjat mill-programm *'Citizenship, Equality, Rights and Values (CERV*) tal-Unjoni Ewropea.

17.9.2 Il-Kunsill ser jieħu 56 persuna mir-Rabat, li jaħdmu fis-settur volontarju u f'għaqdiet mhux governattivi biex jassistu għall-iffirmar ta' dan il-ġemellaġġ. L-Assoċjazzjoni Kulturali Ateneo de Jerez, minn Jerez de la Frontera flimkien mal-Kunsill Reġjonali ta' Għawdex bħala Partner, issottomettew applikazzjoni għal *Town Twinning Project* taħt il-programm *'Citizenship, Equality, Rights and Values (CERV*)' rigward il-proġett li jġib l-isem ta' *'CulturePIE – Promoting Inclusion & Equality through Culture'*. Tali applikazzjoni kienet suċċess, ġiet aċċettata u b'hekk ingħataw il-fondi Ewropej sabiex jimplimentaw dan it-*Town Twinning Project*, li kien jinkludi fih dan l-ġemellaġġ bl-iskambju ta' residenti Rabtin u residenti Spanjoli. Ġemellaġġ bi skop importanti mmens peress li ż-zewġt ibliet huma t-tnejn Kandidati għal-Belt Kapitali Ewropea tal-Kultura għas-sena 2031 u tali ġemellaġġ se jirrifletti tajjeb fuq il-Bids rispettivi. Id-delegazzjoni Spanjola ġiet f'Novembru li għadda, u issa jmiss li d-delegazzjoni mir-Rabat titla Jerez de la Frontera fi Frar 2026.

## 17.9 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti

17.9.1 Ġew approvati l-kontijiet għax-xahar ta' Diċembru 2025 u Jannar 2026, skont dokument A u B annessi.

## 17.10 Xogħolijiet oħra

Il-membri qablu li:-

17.10.1 ssir *hanger* tal-ħadid li magħha jiddendel l-iskart fi Triq Patri Anton Debono S.J. biswit ħajt ta' għalqa. Ir-residenti ta' din it-triq ġabru l-firem sabiex issir din il-*hanger*;

17.10.2 tiġi organizzata ġita barra minn xtutna bejn it-2 u d-9 ta' Lulju. Wara li ntalbu l-prezzijiet u l-proposti mingħand diversi kumpaniji tal-ivjaġġar, kienu Sisu Tours biss li taw il-proposta tagħhom. Din il-proposta hi tour ta' sebat iljieli fl-Italja (Friuli), l-Awstija, Slovenja u l-Ġermanja. Il-membri qablu li jiġi organizzat dan it-tour u l-ġitanti ser iħallsu €985 kull persuna;

17.10.3 jinxtraw għaxar (10) kotba ta' poeżiji tal-Kav. Joe M Attard li jġib l-isem 'L-Għanja tat-Tifkira'. Dan jiswew €12.50 'il wieħed;

17.10.4 tingħata tifkira żgħira lill-parteċipanti fit-tberik tal-pets fl-okkażjoni tal-festa ta' San Ġwann Bosco li ser issir fl-1 ta' Frar, 2026. Ma tinqabiżx is-somma ta' mitt (100) ewro;

17.10.5 il-Kunsill jgħin fl-organizzazzjoni u l-loġistika tal-musical li ser isir fit-Teatru Astra f'Marzu, 2026.

17.10.6 Il-membri ġew mgħarrfa li meta ntbagħat il-kuntrattur tad-dawl biex ipoġġi bozza ġdida ma' 'Madonna ta' Pinu', fi Triq Gedrin, is-sid ma ħallieħx u allura l-bozza ma twaħlitx. Lura f'Ġunju tal-2025, sid din id-dar kienet iffirmat li taċċetta li teħel bozza mad-dar tagħha.

**17.11 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fin-nofsiegħa u kien hemm qbil unanimu bejn il-membri li d-data tal-laqgħa li jmiss tiġi miftehma aktar 'il quddiem.

Konfermati, illum, l-Erbgħa, 26 ta' Frar, 2026.

| | |
|---|---|
| Brian Azzopardi<br>Sindku | Miriam Attard<br>Segretarju Eżekuttiv |